DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2006/784/KE li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fi Franza

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3419)

(It-test Franċiż biss huwa awtentiku)

(2007/510/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84 tat-13 ta' Novembru 1984 li jistabbilixxi l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/784/KE [2], tawtorizza tliet metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fi Franza.

(2) Il-Gvern Franċiż talab lill-Kummissjoni biex tawtorizza żewġ metodi ġodda għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali u ppreżenta r-riżultati tal-provi ta' dissezzjoni tiegħu fit-tieni parti tal-protokoll li hemm ipprovdut għalih fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/85 ta' l-24 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjal [3].

(3) L-eżaminazzjoni ta' din it-talba wriet li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dawn il-metodi ta' gradazzjoni huma mwettqa.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti (d) u (e) li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/784/KE:

"(d) l-apparat 'Autofom' u l-metodi ta' valutazzjoni relatati miegħu, li d-dettalji tagħhom jingħataw fir-4 Parti ta' l-Anness;

(e) l-apparat 'UltraFom 300' u l-metodi ta' valutazzjoni relatati miegħu, li d-dettalji tagħhom jingħataw fil-5 Parti ta' l-Anness."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 301, 20.11.1984, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3513/93 (ĠU L 320, 22.12.1993, p. 5).

[2] ĠU L 318, 17.11.2006, p. 27.

[3] ĠU L 285, 25.10.1985, p. 39. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1197/2006 (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 6).

ANNESS

Ir-4 u l-5 Parti ta' taħt għandhom jingħaddu ma' l-Anness tad-Deċiżjoni 2006/784/KE:

"Ir-4 PARTI

AUTOFOM

1. Il-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal issir permezz ta' apparat magħruf bħala 'Autofom'.

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sittax-il *transducer* ultrasoniku taż-2 MHz (SFK Technology, K2KG), b'distanza operattiva bejn it-*transducers* ta' 25 mm.

   Id-dejta ultrasonika għandha tinkludi kejl ta' ħxuna tax-xaħam u tal-muskoli tad-dahar.

   Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu mibdula fi stimi tal-perċentwal tal-laħam dgħif bl-użu tal-kompjuter.

3. Il-kontenut tal-laħam tad-dgħif tal-karkassi għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' 23 punt ta' kejl skond il-formula li ġejja:

   $\hat{Y}$ = 69,4808 – 0,09178*X0 – 0,08778*X7 – 0,02047*X9 – 0,06525*X19 – 0,03135*X21 – 0,01352*X26 – 0,01257*X29 + 0,00660*X31 + 0,00726*X36 – 0,11207*X48 – 0,31733*X60 – 0,12530*X64 – 0,03016*X83 – 0,28903*X88 – 0,15229*X91 – 0,03713*X92 + 0,09666*X100 – 0,08611*X101 + 0,01797*X113 + 0,03736*X115 + 0,03356*X116 + 0,01313*X121 + 0,01547*X123

   fejn

   $\hat{Y}$ = il-perċentwal stmat tal-laħam dgħif fil-karkassa,

   X0, X7 … X123 huma l-varjabbli mkejla bl-Autofom.

4. Il-punti ta' kejl u l-metodu statistiku huma deskritti f'Parti II tal-protokoll ippreżentat lill-Kummissjoni minn Franza skond l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2967/85.

   Il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn il-45 u l-125 kg.

Il-5 PARTI

ULTRAFOM 300

1. Il-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal issir permezz ta' apparat magħruf bħala 'UltraFom 300'.

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sonda ultrasonika ta' 3.5 MHz (SFK Technology 3.5 64LA), ta' 5 ċm tul, mgħammra b'64 *transducer* ultrasoniku. Is-sinjal ultrasoniku għandu jkun iddiġitizzat, irrekordjat u analizzat permezz ta' mikroproċessur.

   Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu mibdula fi stimi tal-perċentwal tal-laħam dgħif bl-UltraFom innifsu.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassi għandu jiġi kkalkulat skond il-formula li ġejja:

   $\hat{Y}$ = 66,49 – 0,891 G + 0,104 M

   fejn

   $\hat{Y}$ = il-perċentwal ta' stima tal-laħam dgħif fil-karkassa,

   G = il-ħxuna tax-xaħam (inkluża l-ġilda) bejn it-tieni u t-tielet kustilja mill-aħħar, 7 ċm lil hinn min-nofs tad-dahar, bi trajettorja perpendikulari mal-ġilda (f'millimetri),

   M = il-ħxuna tal-muskolu bejn it-tieni u t-tielet kustilja mill-aħħar, 7 ċm lil hinn min-nofs tad-dahar, bi trajettorja perpendikulari mal-ġilda (f'millimetri).

   Il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn il-45 u l-125 kg."